


STORJA TA' SUĊĊESS



INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

L-INIZJATTIVA: FUR FREE EUROPE



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA – FITTEX PARIR

| Werrej

L-Inizjattiva: Fur Free Europe

3

Il-Kampanja

4

L-Impatt tal-Kampanja

8



1

L-Inizjattiva: Fur Free Europe

“Fur Free Europe” hi l-għaxar inizjattiva taċ-ċittadini li rnexxiet. Hi tappella għall-projbizzjoni fl-UE tat-trobbija tal-annimali għall-fer u tal-bejgħ ta’ prodotti li fihom il-fer fis-Suq Uniku.

L-inizjattiva “Fur Free Europe” ġiet irreġistrata fis-16 ta’ Marzu 2022 u l-perjodu ta’ għbir tal-firem tagħha beda fit-18 ta’ Mejju 2022. Innexxielha tiġbor **1,502,319-il dikjarazzjoni ta’ appoġġ ivverifikata bil-limiti minimi milħuqin fi 18-il Stat Membru.**

Il-fażi tal-għbir tal-firem ingħalqet mill-organizzaturi fl-1 ta’ Marzu 2022, xahrejn u nofs qabel l-iskadenza tat-18 ta’ Mejju 2023. Il-firem intbagħtu għall-validazzjoni ftit wara. Wara l-validazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ mill-awtoritajiet responsabbli f’kull Stat Membru, l-inizjattiva ġiet ippreżentata formalment lill-Kummissjoni Ewropea fl-14 ta’ Ġunju 2023 ([Tħabbira għall-Istampa](#)). Il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni bi tweġiba għal din l-inizjattiva fis-7 ta’ Diċembru 2023.



Il-fatturi ta’ suċċess:

- Thejjiġa - “l-organizzazzjoni ta’ IĊE mhijiex sprint, iżda maratona”;
- L-iżvilupp ta’ network b’saħħtu ma’ diversi organizzazzjonijiet sħab kif ukoll l-espansjoni ta’ dan in-network ma’ organizzazzjonijiet oħra matul il-kampanja;
- L-istabbiliment ta’ baġit u strateġija biex jinġabru l-appoġġ u l-finanzjament.



2

Il-Kampanja

Tħejjija

L-organizzaturi tal-inizjattiva “Fur Free Europe” kellhom esperjenza sostanzjali fl-organizzazzjoni ta’ IĊE peress li xi wħud minnhom ipparteċipaw b’suċċess fl-inizjattivi “End the Cage Age” u “Save Cruelty Free Cosmetics”, li ġabru madwar 1.4 u 1.2 miljun firma rispettivament. Din l-esperjenza preċedenti kienet ta’ benefiċċju għall-organizzaturi peress li kienu jafu li t-tħejjija hija l-aktar element importanti għall-organizzazzjoni u t-tnedija b’suċċess ta’ IĊE.

Qabel l-implimentazzjoni tal-kampanja, kien importanti li l-organizzaturi jinvestu l-ħin fil-bini ta’ network ta’ sħab sabiex jiżguraw bażi ta’ appoġġ b’saħħitha qabel ma jibdew il-ġbir tal-firem. Eurogroup for Animals, l-NGO ewlenija li kienet qed tappoġġja din l-inizjattiva, hija NGO umbrella b’aktar minn 90 organizzazzjoni membru. Terz minn dawn l-organizzazzjonijiet ilhom involuti b’mod attiv fil-projbizzjoni tal-fer għal diversi snin, u ġew mistiedna jipparteċipaw fil-kampanja. L-organizzaturi ssieħbu wkoll ma’ organizzaturi barra min-network dirett tagħhom billi mmappjaw organizzazzjonijiet fl-Istati Membri. L-inizjattiva kellha l-appoġġ ta’ 82 organizzazzjoni.




Copyright: Fur Free Europe Instagram



Sabiex jappoġġjaw lill-voluntiera u lis-sħab tagħhom u jiżguraw li dawn in-networks ta' sħab jappoġġjaw l-inizjattiva b'mod attiv, l-organizzaturi ħolqu "bank tal-assi tal-kampanja". Dan il-"bank" inkluda l-materjal ta' komunikazzjoni rilevanti kollu li s-sħab kellhom bżonn biex jippromwovu u jappoġġjaw il-kampanja. L-organizzaturi kellhom ukoll laqgħat regolari mas-sħab biex iżommuhom aġġornati dwar il-progress tal-inizjattiva, iżommu l-koordinazzjoni u jiddiskutu kwalunkwe sfida li setgħet qamet matul il-kampanja.

L-istrateġija ewlenija tal-kampanja tal-organizzaturi kienet li **tinbena preżenza online** għaliex "dan huwa fejn tista' faċilment tilħaq il-biċċa l-kbira taċ-ċittadini u tinvolvi ruħek ma' ċittadini minn gruppi fil-mira differenti". L-organizzaturi bnew sit web multilingwi b'informazzjoni ta' sfond dwar l-inizjattiva, it-talbiet tal-inizjattiva, il-paġna tal-ġbir tal-firem u newsletter. Barra minn hekk, l-organizzaturi bnew ukoll il-preżenza online tagħhom fuq il-media soċjali: Instagram (5,405 segwaċi u 270 post). L-organizzaturi użaw ukoll il-mezzi tal-media soċjali tagħhom stess biex jippromwovu l-inizjattiva: X (dak li kien Twitter) (15,900 segwaċi), Youtube (619-il abbonat), Instagram (3,874 segwaċi), u Facebook (20,000 segwaċi).

B'kollox, l-organizzaturi tal-inizjattiva "Fur Free Europe" ġabru €1,904,595.00 f'appoġġ u fondi. Huma rrapportati biss il-kontribuzzjonijiet ta' aktar minn €500 għal kull donatur.



| Implimentazzjoni tal-Kampanja

L-organizzaturi ppjanaw bir-reqqa l-fażi tal-ġbir tal-firem, filwaqt li stabbi-
lixxew miri għal kull Stat Membru abbażi ta' diversi fatturi, inkluż jekk l-indus-
trija tal-fer għadhiex attiva f'dak il-pajjiż, l-għadd ta' firem miġbura qabel f'dak
il-pajjiż f'kampanji simili u l-għadd ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ attivi
hemmhekk. L-organizzaturi ddeċidew li jiffukaw fuq għadd massimu ta' Stati
Membri biex juru li l-appoġġ għall-inizjattiva għie mill-Unjoni Ewropea kollha.

“Mhux faċli li tilħaq aktar minn 1 miljun firma, għalhekk ma tistax tillimita
ruħek li tiffoka fuq il-minimu ta' seba' Stati Membri” – Organizzatur tal-IĊE
Fur Free Europe

| Ġbir tal-Firem


L-organizzaturi tal-inizjattiva użaw sistema indipendenti ta' ġbir online¹.
L-istrateġija tal-kampanja tagħhom iffukat prinċipalment fuq il-media soċ-
jali, billi bbażat fuq in-network tagħhom biex jippromwovu l-kampanja
Fur Free Europe lid-diversi udjenzi tal-organizzazzjonijiet sħab differen-
ti. L-organizzaturi rnexxielhom jegħlbu l-isfida li jtilfu l-momentum matul
il-kampanja ta' sena billi analizzaw b'mod attiv l-istrateġija tal-kampanja ta-
għhom u kkomunikaw mas-sħab dwar dak li ħadem tajjeb u dak li ma ħadimx.

“Dejjem trid tanalizza, tittestja, terġa' tagħmel il-pjan tiegħek, tara x'jaħ-
dem u fejn, u żżomm l-ispiritu ħaj!” – Organizzatur tal-IĊE “Fur Free
Europe”



¹ Mill-1 ta' Jannar 2023, is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online hija l-unika sistema li
l-organizzaturi jistgħu jużaw biex jiġbru l-firem online.

Numru ta' Dikjarazzjonijiet ta' Appoġġ: (b'tipa grassa: il-pajjiżi fejn intlaħaq il-limitu minimu)



| Verifika u Sottomissjoni

L-organizzaturi ta' "Fur Free Europe" iddeċidew li jagħlqu l-ġbir tal-firem fl-1 ta' Marzu 2023, xahrejn u nofs qabel l-iskadenza. B'kollox, l-inizjattiva għabret 1,701,892 miljun firma f'27 Stat Membru tal-UE, li minnhom 88% tqiesu validi mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-limiti meħtieġa ntlaħqu fi 18-il Stat Membru, li hu rekord. Fl-14 ta' Ġunju 2023, l-organizzaturi ssottomettew **1,502,319-il dikjarazzjoni ta' appoġġ ivverifikata** lill-Kummissjoni Ewropea. Is-sottomissjoni tal-firem fetħet il-perjodu ta' eżaminazzjoni ta' 6 xhur.



3

L-Impatt tal-Kampanja

Eżaminazzjoni u tweġiba tal-Kummissjoni

Wara s-sottomissjoni formali tal-inizjattiva, l-organizzaturi Itaqgħu mal-Viċi President tal-Kummissarji Ewropej Věra Jourová responsabbli għall-Valuri u t-Trasparenza, u ma' Stella Kyriakides, il-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, fl-20 ta' Lulju 2023 (Tħabbira għall-istampa).



Drittijiet tal-awtur: L-Unjoni Ewropea, 2023

Fl-10 ta' Ottubru 2023, il-Parlament Ewropew organizza smiġġ pubbliku dwar l-inizjattiva "Fur Free Europe" fejn l-organizzaturi ppreżentaw l-oġġettivi tal-inizjattiva u involvew ruħhom mal-Membri tal-Parlament Ewropew (reġistrazzjoni tas-smiġġ pubbliku).



Drittijiet tal-awtur: L-Unjoni Ewropea, 2023

Fid-19 ta' Ottubru 2023, l-inizjattiva "Fur Free Europe" ġiet diskussa f'sessjoni plenarja fil-Parlament Ewropew (ara l-[parti 1](#) u l-[parti 2](#) tar-reġistrazzjoni).

Fis-7 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea adottat [Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-azzjonijiet tagħha b'reazzjoni](#) għall-IĊE "Fur Free Europe". Il-Kummissjoni Ewropea tilqa' l-inizjattiva u se tiegħu l-passi ta' azzjoni li ġejjin (ara l-[istqarrija għall-istampa](#)):

Il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) biex tipprovdi opinjoni xjentifika dwar il-benesseri tal-annimali tal-fer sa **Marzu 2025**. L-opinjoni tal-EFSA għandha tiffoka fuq l-annimali miżmuma esklużivament għall-produzzjoni tal-fer, jiġifieri l-mink, il-volpijiet, il-klieb tar-rakkun u ċ-ċinčila u tanalizza l-benesseri ta' dawn l-annimali, is-sistemi komuni tat-trobbija u kif kwalunkwe problema ta' benessere tista' tiġi evitata jew mitigata fil-kundizzjonijiet attwali tat-trobbija.

Il-Kummissjoni mbagħad se tevalwa l-projbizzjonijiet mitluba mill-inizjattiva "Fur Free Europe", inkluża valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi u soċjali ta' dawn il-projbizzjonijiet fl-UE.

Sa Marzu 2026, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-EFSA u r-riżultati tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni se tikkomunika jekk tqisx li huwa xieraq li tipproponi projbizzjoni fuq it-trobbija tal-annimali għall-fer u l-kummerċjalizzazzjoni tal-fer fl-UE wara perjodu ta' tranżizzjoni.

Sadanittant, il-Kummissjoni se tkompli wkoll bil-ħidma preparatorja tagħha fuq proposti oħra dwar it-trattament xieraq tal-annimali, kif imħabbar fl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt". Qed tiegħu wkoll diversi miżuri fir-rigward tal-benesseri, is-saħħa pubblika u l-impatti ambjentali tat-trobbija tal-annimali għall-fer. Dawn jinkludu żjarat fil-postijiet tat-trobbija tal-annimali għall-fer fl-Istati Membri li jesploraw mekkaniżmi ta' "Saħħa Waħda" fis-seħħ, kif ukoll valutazzjoni tal-impatt bil-ħsieb ta' reviżjoni possibbli tar-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti. Il-Kummissjoni se ssegwi approċċ ta' "Saħħa Waħda" – li jirrikonoxxi li s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u dik ambjentali huma marbuta b'mod inseparabbli – biex tipprevjeni u tidentifika t-tifqigħat ta' mard fil-postijiet fejn jitrabbew l-annimali għall-fer, u tirrispondi għalihom.

Fid-9 ta' Frar 2024, l-organizzaturi ltaqgħu mal-Kummissarju Kyriakides biex jiddiskutu t-tweġiba għall-inizjattiva tagħhom.



Drittijiet tal-awtur: L-Unjoni Ewropea, 2024



Pariri u suġġerimenti għal organizzaturi futuri

- Agħmel xogħlok qabel ma tibda inizjattiva!
- Kun ċert li tissieħeb ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li diġà għandhom l-attenzjoni u l-appoġġ taċ-ċittadini
- Agħmel konnessjonijiet ġodda biex tilħaq kemm jista' jkun nies
- Agħti s-setgħa lil dawk li jissieħbu fl-inizjattiva tiegħek biex jippromwovu b'mod attiv il-kampanja tiegħek fuq il-kanali tagħhom stess billi tipprovdihom b'informazzjoni importanti, għodod ta' komunikazzjoni u dati ewlenin tal-kampanji.

